**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Frar, 2002**

**Numru 35**

**Avviz. numru 323/01JR**

**Silvestru Saliba**

**vs**

**Brian u Caroline konjugi Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Mejju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija tlieta u tmenin u hamsin centezmu (Lm183.50), jew somma ohra verjuri li dan it-Tribunal joghgbu jillikwida bl-opera ta' perit nominandi bhala dritt ta' appogg li l-konvenuti ezercitaw mal-hajt tad-dar ta' l-attur Plot Numru 85, Triq l-Assedju l-Kbir, Fgura, u dan peress li ghalkemm il-**

**konvenuti gew interpellati biex ihallsu tali somma, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Marzu, 2001, huma baqghu nadempjenti.**

**Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-8 ta' Gunju, 2001, fejn intqal:**

i. **illi preliminarjament it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar m'huwiex kompetenti li jiehu konjizzjoni tal-kaz stante li l-kwistjoni in materja ma tidholx taht il-gurisdizzjoni tat-tribunal a tenur ta' l-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta;**

ii. **illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta ahjar tul il-mori tal-kawza;**

iii. **illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra d-degriet tat-Tribunal, ta' l-10 ta' Lulju, 2001, fejn gie deciz dwar l-ewwel eccezzjoni, li kif ga deciz f'okkazjonijiet ohra, in kwantu t-talba attrici hija ghall-hlas ta' flus, rizultanti minn kejl, dan it-tribunal huwa kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni ta' din it-talba.**

**Semgha x-xhieda tal-Perit Conrad Thake, Silvestru Saliba, Brian Azzopardi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza qed issir ghall-hlas tas-somma ta' mija tlieta u tmenin u hamsin centezmu (Lm183.50), allegatament dovuta bhala dritt ta' appogg li l-konvenuti ezercitaw mal-hajt tad-dar ta' l-attur Plot Numru 85, Triq l-Assedju l-Kbir, Fgura.**

2. **Giet esebita stima rilaxxata mill-Perit Conrad Thake, u konfermata bil-gurament mill-istess, datata 30 t'April, 2001. Ir-referenza f'dik l-istima hija ghall-tnax-il filata b'hamsa u sebghin pied.**

3. **L-appogg qed jintalab a bazi ta' dik l-istima.**

4. **Jirrizulta li l-konvenut kien ghamel uzu mill-hajt in kwistjoni meta wahhal hbula mal-hajt. Biex jigi stabbilit jekk l-att tat-twahhil tal-hbula kienx jaghti lok ghall-dritt ta' appogg, it-Tribunal qed jaghmel referenza ghall dak li gie decia mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "John Cutajar vs George Cachia et" deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998, fejn intqal:**

> **"Illi ghalhekk l-unika indagini mehtiega hija dwar jekk il-vicin kellux l-intenzjoni li jakkwista l-komunjoni tal-hajt………Tali intenzjoni trid tohrog mill-assjem tal-provi b'mod car u univoku."**

> **U jaghmel id-distinzjoni: "bejn l-intenzjoni ta' wiehed li jwahhal musmar biex jaghmel habel ta' l-inxir intiz biex jigi uzat minnu bhala servizz u min….iwahhal temporanjament musmar fil-hajt vicin biex momentanjament jinqeda u wara immedjatament inehhih."**

5. **Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-uzu li ghamel il-konvenut kien momentanju. Bhala dritt ta' appogg dovut dana jirrizulta mill-istima tal-Perit, u lit-Tribunal ma ingiebulux ragunijiet sufficjenti sabiex ivarja tali stima.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' mija tlieta u tmenin u hamsin centezmu (Lm183.50), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**